SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 37/K9/21**

Data tal-laqgħa: 18 ta' Novembru 2021

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (2)**

Clayton Luke Mula – Viċi Sindku (Inc. 25622/2021)
Guido Dalli – Kunsillier (Inc. 25522/2021)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

## 37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

37.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula u il-Kunsillier Guido Dalli talab li jiġi skużat waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

37.1.02 Iċ-Ċermen talab sospenzjoni tal-regolamenti tal-Aġenda sabiex jiġu milqugħa żewġ persuni li huma wrew ix-xewqa li jiġu għal-laqgha tal-Kunsill. Dawn huma is-Sur Arnold Cassola u raprezentanti tal-Malta Tourism Authority.

37.1.03 Iċ-Ċermen ta merħba lill-Profs. Arnold Cassola. Profs. Cassola irringrazzja lill-Kunsill li laqgħa t-talba tiegħu. Huwa wera x-xewqa li jiddiskuti dwar diversi issues li jikkonċernaw San Ġiljan. Is-Sur Cassola bħala kandidat fl-elezzjoni ġenerali qajjem diversi punti ta' interess fuq San Ġiljan fosthom il-kwistjoni tal-katamaran, l-iżvillup sfrenat fil-bini kif ukoll il-mod kif jista' jkun hemm kooperazzjoni aħjar mal-Kunsill. Iċ-Ċermen irringrazzja lill-Profs Cassola talli kien preżenti għal din il-laqgħa.

37.1.04 Wara din, iċ-Ċermen stieden, rappreżentanti mill-Malta Tourism Authority u mill-Ministeru tat-Turismu, sabix jagħtu dettalji dwar il-proġett ta' Spinola Gardens. Iċ-Ċermen spjega li min-naħa tal-Kunsill preżentament għamel open gym, huwa spjega wkoll li waħda mill-kundizzjonijiet hija li ma jsirux kiosks. Is-Sur Cassar spjega li beda jinħadem it-tender, iċ-Ċermen staqsa jekk hux ser inkunu qed ninżammu nfurmati bl-iżvillup li ser ikun qed isir, huwa ġie nfurmat li iva. Iċ-Ċermen issuġġerixa wkoll li jkun hemm aktar żieda ta' siġar. Il-Kunsillier John Agius staqsa jekk dan il-proġett ġiex approvat huwa ġie nfurmat li iva.

37.1.05 Il-Perit Fsadni spjegat dwar is-sitwazzjoni ta' Xatt is-Sajjieda, spjegat li ser ikun qed isir restawr tal-bibien li hemm, sar il-proċess anke tal-Planning Authority, ahna bħala kunsill nesiġu li dan l-ispazju jibqa' aċċessibli għas-sajjieda, u ma jingħatawx aktar encrochments għar-restoranti. Wara diskussjoni qasira, il-membri kollha tal-Kunsill qablu mal-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Iċ-Ċermen irringrazzja lil kull min attenda.

37.1.06 Il-Kunsillier Sean Gauci wasal fis-6.00p.m.

## 37.2 Approvazzjoni tal-Minuti

37.2.01 Is-Segretarju ressaq il-Minuti 36/K9/21 għall-approvazzjoni.

37.2.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

37.2.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssekondaħa fl-approvazzjoni.

37.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

37.2.05 Saret riferenza għal-punt 36.2.07, iċ-Ċermen xtaq jajd grazzi dwar Ġieħ San Ġiljan. Għandha titbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Marriot Hotel.

37.2.06 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar 36.3.03 – ix-xogħol sar tajjeb, iċ-Ċermen irringrazzja lis-Segretarju u l-membri ta' l-istaff li ħadmu fuq dan il-proġett.

**37.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;**

37.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li hemm il-President Walk, din is-sena ser tkun qed issir nhar il-Ħadd li ġej fl-10.00a.m. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu.

37.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li huwa ltaqa' ma' l-iżvillupaturi tal-proġett tat-Tigulio, huwa kien infurmat li qed jipjanaw li jtelgħu sular ieħor u fuqu jsir ġnien. Il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jikkumenta fuq dan l-iżvillup għaliex hemm appell pendenti quddiem il-board tal-Planning Authority.

**37.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

37.4.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli staqsiet għaliex ħdejn Zeppi's ingħalqet hi ġie nfurmata li din qabel hekk kienet pero' kienet infetħet minħabba li kien hemm krejn.

37.4.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar il-qtugħ ta' bozzoz li qed ikun hemm, Huwa talab li niltaqaw mal-Enemalta. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-pjanta tal-Enemalta min fejn isir ir-rapport tal-bozzoz din għandha mhijiex updated tajjeb minħabba li mhijiex spjegata sew. Għaldaqstant xi kultant r-rapporti ma jkunux jistgħu jsiru kif suppost.

**37.5 Attivitajiet tal-Milied;**

37.5.01 Il-Kunċerti proposti mhux ser isiru għaliex l-applikazzjoni tagħna għall-iskema finanzjarja intbagħatet tard u ma ġietx milqugħa.

37.5.02 It-tiżjien ser ikun qiegħed isir, u fl-1 ta' Diċembru ser ikunu qed jinxtelu.

37.5.03 L-ikla tal-Millied ser tkun qed issir fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar 2022.

37.5.04 Ġie deċiż li din is-sena jingħataw l-hampers lin-nies vulnerabli f' San Ġiljan.

37.5.05 Dwar kunċerti ser inkunu qed niltaqgħu mal-Banda Spinola għal-kunċert li jagħmlu kull sena.

**37.6 Riżulozzjoni dwar permessi;**

37.6.01 Ir-riżulozzjonijiet ġew approvati kif propost mis-Segretarju. Dawn il-proposti huma annessi.

**37.7 Ħruġ ta' offerti – Soft Area u Servizz ta' Perit;**

37.7.01 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li ser ikunu qed jinħarġu l-offerti għal-soft areas.

**37.8 Risposta għall-Management**

37.8.01 Din mhux ser tiġi diskussa minħabba li għadha ma ġietx preżentata lilna.

**37.9 Talbiet żgħar;**

**37.9.01 Email mingħand iċ-Ċermen dwar ħajt;**

37.9.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jingħata permess.

**37.9.02 Email dwar premju Ħaddiem tas-Sena (Inc 24766/21);**

37.9.02.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**37.9.03 Email dwar restoration funding scheme – arts council malta (Inc. 24833/21);**

37.9.03.01 Il-Kunsill ma kienx eliġibli għal din l-iskema.

**37.9.04 Email dwar skema SPI.SCI.8.2021 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali, Aċċessibilta' u Mobilta' (Inc. 24876/21);**

37.9.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li napplikaw għal din l-iskema u napplikaw għall-vann sabiex ikun jista' jintuża għall-komunita'.

**37.9.05 Email dwar Ċirk AKL 2021/091 – Proposta metro (Inc. 24879/21);**

37.9.05.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill huwa interessati li jidħol għal dawn il-laqgħat.

37.9.06 **Email mingħand is-San Giuliano Restaurant dwar Xatt is-Sajjieda (Inc. 24922/21);**

37.9.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li fid-dawl li hemm proposta mill-MTA ma nistgħux nilqgħu din it-talba.

**37.9.07 Email dwar request for extension of permit (Inc. 24932/21);**

37.9.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill kien ser jagħti permess biss sa' l-aħħar t'Ottubru mingħajr estensjoni.

**37.9.08 Internal call for the position of an Executive Officer (Inc. 25239/21);**

37.9.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li s-Sinjura Bentley Muscat Curmi titla' fil-pożizzjoni ta' Executive Officer.

**37.9.09 Email dwar Dr. Juice St. Julian's – Flooding (Inc. 25432/21);**

37.9.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsil, ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**37.9.10 Email mingħand St. Julian's Band Club dwar Kunċert – Festa Liturġika San Giljan – 2022 (Inc. 25454/21);**

**37.9.10.01** Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jiltaqa' magħhom.

**37.9.11 Email dwar Marathon 24th April 2022 (Inc. 25486/21);**

**37.9.11.01** Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**37.9.12 Email dwar Case 3940 dwar Regolament 10 (2) tar-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63);**

37.9.12.01 Il-Kunsill ma jaqbilx li jiżdiedu l-iskips.

**37.9.13 Email dwar request for permission (Inc. 25553/21);**

37.9.13.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx.

**37.9.14** Is-Segretarju ressaq l-leave ta' l-istaff sabiex jiġi mġedded għas-sena d-dieħla. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**37.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

37.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5551 sa 5575. (Ara Appendiċi 'B')

37.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**37.11 Skeda tal-Pagamenti**

37.11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

37.11.02 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

37.11.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**37.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

37.12.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru 2021 ta' Diċembru 2021 fil-5,00p.m.

37.12.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

IFFIRMATI

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 20 ta' Diċembru 2021